**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Gunju, 2020**

**Mandat Nru: 507/2020 AF**

**L-Avukat Dottor Josephine Farrugia Mifsud**

**vs**

**David Pace**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Josephine Farrugia Mifsud, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija talbet lil din il-Qorti zzomm lil David Pace milli fil-pubbliku, virtwalment, fil-midja, fil-midja socjali, ma' terzi jew b'xi mod iehor jghid u/jew jirrepeti b'xi mod allegazzjonijiet ta' xi illegalità jew ta' xi nuqqas iehor professjonali u/jew personali tal-esponenti fil-konfront tieghu, jew illi b'xi mod jaddebita xi fatti fil-konfront tal-esponenti l-Avukat Josephine Farrugia Mifsud, jew fil-

konfront tar-relazzjoni professjonali u/jew personali tieghu maghha.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' David Pace.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tar-rikorrenti.

Rat l-Art. 873 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat illi l-vertenza bejn il-partijiet taf l-origini taghha fir-relazzjoni professjonali u personali li kienet tezisti bejn il-partijiet. Jidher li l-intimat qieghed fil-pubbliku jaghmel dikjarazzjonijiet spreggjattivi ferm fil-konfront tar-rikorrenti, f'cirkostanzi fejn, anki jekk ma jsemmihiex b'isimha, jaghti bizzejjed dettalji fuqha biex tkun tista' tintgharaf.

Minkejja li l-Qorti hija tal-fehma li dan l-agir huwa ta' min jistmerru, tqis illi r-rimedji li ghandha r-rikorrenti mhuwiex il-mandat ta' inibizzjoni izda jezistu taht ligijiet ohra u li jidher li r-rikorrenti digà qed tuzufruwixxi minnhom. Fic-cirkostanzi, l-Qorti tawgura li dawn ir-rimedji ma jdumux pendenti bla bzonn.

Ghaldaqstant peress illi l-Qorti tqis mhux sodisfatti r-rekwiziti mposti mill-ligi fil-fuq citat Art. 873 tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-12 ta' Mejju 2020 u tichad it-talba tar-rikorrenti.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF